## Prim’Awla tal-Qorti Ċivili
## (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

**Onor. Imħallef Mark Simiana, LL.D**

*Rikors Numru 267/2024/1 MS*

**Paul Philippe Al-Romaniei**

**Vs.**

**L-Avukat Ġenerali u b’dikriet tal-31 ta’ Mejju 2024 ġie kjamat fil-kawża l-Avukat tal-Istat**

1. Dan huwa dikriet dwar talba mressqa mir-rikorrenti Paul Philippe Al-Romaniei b’rikors tat-30 ta’ Mejju 2024 li bih huwa talab lil din il-Qorti jogħġobha «*tissospendi l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tat-28 ta’ Mejju 2024 mogħtija fil-konfront tal-esponent sakemm ikun hemm eżitu finali fil-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet premessi u konsegwentement tordna r-rilaxx ta’ l-esponent mill-Faċilità Korrettiva ta’ Kordin u dan taħt dawk il-provedimenti u ordnijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni*».

2. L-intimat Avukat Ġenerali wieġeb fit-3 ta’ Ġunju 2024 u ta r-raġunijiet għaliex skont hu, it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda.

3. Għalkemm din il-Qorti sejra tippronunzja dan id-dikriet tagħha fil-miftuħ, jibqa' l-fatt li dan id-dikriet huwa wieħed interlokutorju, kif ġie bosta drabi miżmum (ara per eżempju ***Muktar Usman vs. L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali et***, Qorti Kostituzzjonali, 19/9/2023), u għalih japplika għalhekk dak li jipprovdi l-artikolu 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

4. Illum hemm bosta deċiżjonijiet mill-qrati Maltin li jqisu liema huma ċ-ċirkostanzi li bis-saħħa tagħhom ikun ġustifikat il-ħruġ ta' ordnijiet *ad interim* kif mitlub mir-rikorrenti. Il-pożizzjoni prevalenti li titnissel minn eżami tad-deċiżjonijiet l-aktar rilevanti dwar din il-materja hija li ordni bħal dak ma jkunx f'loku li jingħata kemm-il darba min jitolbu ma juriex li, mad-daqqa t'għajn, tassew ġarrab jew aktarx se jġarrab vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu, u kif ukoll li mingħajr dak l-ordni, l-ħsara li jista' jġarrab tkun irreparabbli, u ċjoè ħsara li ma tistax titreġġa' lura lanqas b'ordni ta' din il-qorti mogħti fis-sentenza finali tagħha (viz. ***Rosette Thake et noe vs. L-Onor. Prim Ministru et***, Prim'Awla – Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 9/6/2016; ***Yorgen Fenech vs. L-Avukat tal-Istat et***, Prim'Awla – Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 26/11/2020). Fid-deċiżjoni ***Emanuel Camilleri vs. Spettur Louise Calleja et*** (Prim'Awla – Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, 2/6/2014) intqal:

> Illi l-miżuri provviżorji huma maħsuba biex iżommu milli ssir ħsara li ma tissewwiex lil vittma ta' ksur ta' jedd fundamentali b'tali mod li ma jsir xejn li jista' jxejjen jew inaqqas mill-awtorita' u l-effikaċja tas-sentenza li tingħata dwar l-istess ilment. F'dan ir-rigward, biex jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ prima facie ta' ksur ta' jedd fundamentali u li n-nuqqas tal-għoti tal-miżura provviżorja sejra ġġib ħsara li ma titreġġax lura fil-każ tiegħu. Għalhekk, m'huwiex biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi sitwazzjoni ipotetika jew li mhix ċerta li sseħħ. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ;
>
> Illi fuq kollox, l-għoti tar-rimedju interlokutorju jew provviżorju ma għandu qatt jintalab jew jingħata b'mod li jippreġudika l-mixi nnifsu tal-proċedura li fiha jintalab u bl-ebda mod ma għandu jintuża biex jorbot idejn il-Qorti li tagħtih dwar il-mod kif fl-aħħar mill-aħħar tagħti s-sentenza tagħha jew kif tikkunsidra bis-serenita' jew l-

> indipendenza meħtieġa l-provi u l-argumenti li l-partijiet iressqu quddiemha;

5. Fid-deċiżjoni ***Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali*** (Qorti Kostituzzjonali, 9/1/2017) ġie osservat:

> Fl-ewwel lok jiġi ribadit minn din il-Qorti li f'materja tal-hekk imsejjħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel. Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċezzjonali. [*Q.Kost.* **Federation of Estate Agents v. Direttur Generali** *[Kompetizzjoni, deċiża 25 ta' Settembru 2014*]

6. Illi minn dan kollu titnissel il-konsiderazzjoni li talba għall-ħruġ ta' ordni provviżorju għandha tkun diretta għall-ksib ta' rimedju sabiex jiġu preservati d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, u mhux għall-ksib ta' rimedju li minnu nnifsu jkun jikkostitwixxi r-rimedju finali li r-rikorrenti jridu jiksbu jekk tassew juru li seħħ ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom. Kif osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni ***Repubblika vs. L-Avukat tal-Istat*** (24/11/2022): «*L-għan wara miżura proviżorja m'għandux ikun li jagħti rimedju finali qabel ma jkunu tressqu l-provi kollha u l-Qorti tkun f'pożizzjoni li tiddeċiedi l-kawża. F'dak l-istadju l-Qorti tkun f'pożizzjoni li tiddeċiedi jekk kienx hemm ksur, ikunux qegħdin jiġu miksura, jew x'aktarx ser jiġu miksura jeddijiet fundamentali. It-talba għall-ħruġ ta' ordni proviżorja m'għandha lanqas isservi sabiex Qorti tagħti xi fehma dwar il-meritu tal-kawża li jkollha quddiemha. Li wieħed jippretendi li Qorti tippronunzja ruħha b'xi mod dwar il-meritu f'dan l-istadju bikri tal-kawża kostituzzjonali, hu żbaljat*».

7. Issa r-rikors li dwaru qed jingħata dan id-dikriet sar b'rabta ma' proċeduri kostituzzjonali li qed jiġu deċiżi llum stess, u li permezz tagħhom din il-Qorti sabet li r-rikorrenti m'huwa qed iġarrab ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk m'hemmx lok li jingħataw rimedji provviżorji.

8. F'kull każ, ir-rimedju provviżorju mitlub mir-rikorrenti m'huwiex attendibbli, għaliex irid li din il-Qorti tużurpa l-mansjonijiet u d-diskrezzjoni tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali u tkun hi li tiddeċiedi jekk ir-rikorrenti għandux jingħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest bi pleġġ. Jekk tassew l-ilment tar-rikorrenti – u ċjoè li l-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Estradizzjoni jeskludi b'mod assolut il-possibilità ta' ħelsien mill-arrest bi pleġġ – kien fondat, ir-rimedju finali li jista' jingħata b'sentenza minn din il-Qorti kien ikun li dik id-dispożizzjoni, la hija inkonsistenti ma' xi dispożizzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea, ma tistax tiġi applikata fil-konfront tiegħu; bil-konsegwenza allura li t-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest bi pleġġ tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. M'għandux ikun li rimedju provviżorju jkun aqwa mir-rimedju finali li jista' jingħata fis-sentenza f'każ ta' eżitu pożittiv għar-rikorrenti.

9. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-Qorti qed tiċħad it-talba kontenuta fir-rikors tat-30 ta' Mejju 2024 sabiex «*tissospendi l-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tat-28 ta' Mejju 2024 mogħtija fil-konfront tal-esponent sakemm ikun hemm eżitu finali fil-proċeduri kostituzzjonali fl-ismijiet premessi u konsegwentement tordna r-rilaxx ta' l-esponent mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u dan taħt dawk il-provedimenti u ordnijiet kollha li jidhrilha xierqa u opportuni*».

L-ispejjeż ta' dan il-provvediment ikunu skont id-deċiżjoni finali fil-kawża dwar il-meritu.

Moqri, illum 5 ta' Ġunju 2024.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur